# IT-TFAL TAL-FELLAHIN

Hawn, il-Palestina, fix-xitwa tagħmel ukoll il-kesħa. U xi snin ix-xitwa tidħol għall-għarrieda, u ġie li jagħmel ksieħ aktar minn snin oħra; ksieħ li n-nies ta' hawn m'ħumiex imdorrijin bih. Riħ kiesaħ, irqiq, li jidħol mix-xquq fil-bibien u fil-ħitan tad-djar tal-foqra, u fil-għerien fuq il-għoljiet, li wħud mill-Fellaħîn għad-hom jgħammru fihom, u ġewwa l-griebeġ tar-rifuġjati, li għadhom hemm, bla dar, dawn is-snin kollha ħtija ta' dawk li ħallew, jew qabdu lil-Lhud u l-Għarab jitqâtlu bejniet-hom fis-sena 1948. Ksieħ li joqtol u jixħet fil-qabar lit-trabi u lix-xjuħ; imma trabi aktar minn xjuħ.

Imsieken dawk it-tfal żgħar! Til-taqa' magħhom ġemgħa-ġemgħa fit-toroq, ħafjin, imċerċrin, jiġġerrew u jħarsu 'l hawn u 'l hemm, ma jafux fejn jaqbdu jmorru. Drabi jiżolqu u jaqgħu fuq il-ħaġar li bih iċċangati t-toroq, ħaġar mieles, li x-xita tkun xarrbitu u sar jiżloq donnu midluk bis-sapun. Jaħasra, dawk iċ-ċkej-knin! Subgħajhom iggrunċati u mneħirhom ikħal bis-sirda, u minn taħt iċ-ċraret li jiksuhom bħal libsa, tilmaħ jitriegħed dak il-ġisem tari, li ftit li xejn għandu x'jilqagħlu l-ksieħ.

Ma hemmx xemx, u għal hekk iż-żgħar qalbhom sewda. Jiġru 'l hawn u 'l hemm, ifittxu li jaħarbu mill-kesħa, li kull fejn imorru tilħaqhom. Jagħtik li ssaqsi: kif ħadd, anqas ommhom jew missierhom, ma jieħu ħsiebhom? Għaliex ħadd ma jaħ-seb idaħħalhom għal kenn, imqar kenn ħażin-ħażin, kemm ma joqogħ-dux iċaflasu b'saqajhom ħafjin fl-ilma? Donnok ma tridx temmen li huma wkoll għandu jkollhom mam-ma, u għandu jkollhom dar, imqar naqra ta' gorboġ jew girna żgħira.

Imsejkna tfal! Jagħfsulek qalbek tarahom hekk, f'xitwa ħarxa, mitlu-qin minn kull ħadd. U b'dan kollu, huma ħelwin u minn tagħna, għal kemm maħmuġin. Għajnejhom sbieħ, kbar u suwed, taħt ħuġbejn irqaq u bellusija; u ħelwa wkoll hija dik it-troffa xagħar ħierġa minn taħt iċ-ċarruta bla lewn li darba kienet *ħatta*, li tgħattilhom rashom. Ja tfal tal-Fellaħîn, sbieħ u bla għadd, bħal kwiekeb tas-sema, u ħfief u ħelsin daqs ir-riħ tax-xori: la tib-żgħux! Tgħaddi x-xitwa u tarġa' tixref ix-xemx, tiddi u ssaħħan, u fuq xuftejkom u f'għajnejkom tarġa' ti-dher it-tbissima, u t-toroq jinmtlew bil-għajjat u bil-qbiż tagħkom. U intom, it-tfal, terġgħu tkunu l-ħaġa waħda ħajja u sabiħa, fid-dehra mej-ta u kerha ta' dawk it-toroq imgħaw-ġin u maħmuġa, b'ħitan imżakkra u mixquqa tal-griebeġ tar-rħula tagħ-kom.

*Bla għadd, bħal kwiekeb tas-sema.*

Ma nafx jekk hawnx xi pajjiż ieħor (ċert li le fl-Ewropa) li huwa hekk miżgħud bit-tfal, fuq ruħhom u kol-lha għaġeb, bħal ma hija l-Palesti-na. Tfal fuq tfal; tfal kull imkien. Donnhom bħal fungi tal-bosk, wara l-ewwel xita tal-ħarifa. Issibhom miegħek, tmur fejn tmur. U jekk tkun imgħaġġel, ma tistax tiġġenneb minnhom, għax tagħmel x'tagħmel issibhom quddiem saqajk; trid toq-għod il-ħin kollu tilwi 'l hawn u 'l hemm, li ma taħbatx ma xi wieħed minnhom u titfgħu minn tulu fl-art Huma tas-sew is-sjied tat-toroq u tal-imsieraħ.

Imma tgħid għaliex dawn it-tfal kollha? Għal dan li sa ngħidu hawnhekk: Għax fil-Palestina n-nies qishom kollha Misilmin, u t-tnissil tal-ulied kif jifhmu l-Misilmin, huwa l-ewwel għan li għalih Allâħ ħalaq lil Bin-Adam u qegħdu fid-dinja (1). L-ewwel dmir tar-raġel huwa li jagħti lid-dinja wlied kemm jista' jkun, u għal hekk, min jaħsel ma jkollux tfal, jew ikollu ftit, hu magħdud b'għajb kbir u saħta. U biex iġibu ħafna tfal fid-dinja, l-aktar għal Misilmin, xej ma hi ħaġa kbira; għax dawn għandhom fil-liġi tagħhom li jistgħu jżommu magħhom sa erba' nisa f'daqqa; u jekk xi waħda tixjieħ jew timrad, jistgħu jkeċċuha u jiżżewġu waħda oħra bdielha. Xej ma jħabblu rashom kif sa jrabbuhom u jgħallmuhom; anqas naqra. Jgħidulek: "Allâħ kbir! Allâħ jaħseb! La darba jaħseb għal għasafar tal-ajru u għal ħut tal-baħar u l-bhejjem tax-xôri, ma jaħsebx għal Ulied Adam?" B'dan il-ħsieb lil uliedhom jitilquhom barra, jaraw minn fejn idabbru xi ħaġa x'jieklu; jiġru ma' tul is-suq. Xi ħadd iħenn għalihom u jagħtihom xi loqma ħobż, jew x'erba' frottiet. U dan jiġri wkoll għax f'dar ommhom ikun hemm għaks kbir, billi r-raġel ikun trabba huwa wkoll bla tagħlim u bla sengħa, u la darba ma jkun jaf jagħmel xej, ftit jista' jsib xogħol. U mqar jekk ikollhom xi ħarġa raba', jew x'erba' nagħġiet, fejn sa jilħqu jitimgħu u jlibbsu lil dawk it-tfal kollha?

*Twemmin u drawwiet.*

L-artijiet tax-Xerq huma pajjiżi tat-twemmin u d-drawwiet għarîba. Jidhru għarîba aktar f'għajnejna, għax aħna naħsbu xort'oħra minnhom.(2). Hekk, bħalli kieku, t-twelid ta' tifel, fil-familja hija ġrajja ta' ferħ kbir, għax huwa egħliem tal-barka t'Allâħ: imma jekk titwieled tifla, missierha u ommha jeħduha bħala ġrajja ta' niket u swied il-qalb, għal kemm ikollhom ħaġa li ssabbarhom: isabbarhom il-ħsieb li t-tifla, jekk tgħix u tikber, u tilħaq it-tnax jew erbataxer sena, iżewwġuha u jdabbru kemxa flus sewwa tagħha.

Lil bniet, id-drawwa hi li tieħu ħsibhom ommhom, u tindukrahom tajjeb, u sa minn meta jkunu għadhom żgħar ħafna, ma tħallihomx jitbegħedu minn quddiem il-bieb, u meta jikbru ftit, anqas biss joħorġu weħedhom barra. Lis-subjien hu maħsub li jieħu ħsieb tagħhom missierhom.

L-omm, meta l-ulied ikunu għadhom trabi, teħodhom magħha kull fejn tmur. Terfagħhom wara dahrha ġewwa bħal benniena (3) taddrap tas-suf imżewqa u mżejna bil-baħbuħ meħjut magħha, bħal berda taż-żwiemel. Meta jikbru ftit teħodhom ukoll, billi terfagħhom fuq driegħha jew fuq kitfejha; u meta jitilqu jimxu, tibqa' teħodhom ukoll, imma iżżommilhom il-wejda.

Kif jaħsbu l-Fellaħîn, biex tifel jikber f'saħħtu u jkollu moħħu tajjeb, jeħtieġ li taħslu, ġismu kollu, bil-bewl tal-iġmla. Jekk tagħmel hekk, ma għandekx għax taħseb: ġismu u moħħu, għal ħajtu kollha, ma jittiefsu qatt.

Għedna qabel li t-tfal tal-Fellaħîn aktarx ikunu maħmuġin. Jekk issaqsi lill-ommijiethom għaliex iżommuhom hekk, jew ma jgħidulekx, u joqogħdu jdurulek bil-kliem minn ħaġa għall-oħra, jew, jekk ikunu drawk, ijgħidulek li huma lit-tfal ma jaħsluhomx, la lilhom anqas ħwejjiġhom, għax jekk ikunu ndaf jista' jkun hemm xi ħadd li jarahom sbieħ u jgħajjinhomlhom, jew jisraqhomlhom; imma l-

ħmieġ, ma jagħmlilhom ebda ħsara u jeħlishom minn ħafna tiġrib.

Jaħsbu wkoll il-Fellaħîn li mirrqad tat-tfal tista' tkun taf x'sa jkun il-ġejjien tagħhom. Jekk tifel (jew titfla) jorqod imxaħxaħ u ma jaqbiżx u ma jitqallibx wisq bil-lejl, dak ikun egħliem li għandu tieħu ħsiebu "ruħ" tajba, u għal hekk ma' tul ħajtu tmexxiħ hija u tħarsu minn kull deni u tnebbħu x'għandu jagħmel biex ikun tajjeb u għaqli u jaħrab minn kull xorta ta' hemm. Imma jekk ikun ta' nagħsu ħafif u għal kull ħoss jinqata', u jhewden fi rqadu, dak ikun taħt "ruħ" ħażina, li tagħmel id-deni lilu u biħ tagħmel ukoll il-ħsara lill-oħrajn; għal hekk ikollu jgħaddi ħajtu fit-twegħir u d-dwejjaq. Imma tista' tnaqqaslu minn dan il-hemm jekk iddendillu f'għonqu *ħġâb*, jiġifieri borża bilbiċċiet tal-karti li jkun fihom miktub xi kliem tal-Qoran.

*Magħmudija u ħtin.*

Il-Magħmudija għall-Insara, u l-ħtin għal Misilmin, fix-Xerq huma żewġ ġrajjiet ta' hemma kbira. L-Insara tax-Xerq, Kattolki wkoll (m'hux Latini) għadhom jgħammdu t-trabi tas-sena kollha wara Għid il-Kbir, u jgħammduhom billi jgħaddsuhom fl-ilma ġisimhom kollu bħal ma kien isir fl-ewwel żmenijiet tal-Insara; dawk il-għadiet il-qodma, b'għors u festa kbira, għadhom jitħarsu, qisu bir-rqaqat kollha tagħhom, issa wkoll. Jum il-Magħmudija jkun magħdud bħala ġrajja kbira firraħal, li jieħdu sehem fiha m'hux biss il-qraba tat-trabi, imma r-raħal kollu, biex dak il-jum ikun isbaħ u aktar għażiż.



*Patri Franġiskan jagħti l-minestra lil foqra, f'Betlehem.*

Festa akbar minn hekk jagħmlu l-Misilmin meta jasal il-jum tal-ħtîn tat-tfal tagħhom. Għal Misilmin, il-ħtîn ma hux biss egħmil ta' ħarsien is-saħħa (4) bħal ma aktarx li wieħed jaħseb, imma wkoll egħmil id-Djiena, li x-Xiħ, jew *qassis*, tagħhom biss jista' jagħmlu. Is-subjien Misilmin ikunu maħtunin meta jkollhom bejn is-sentejn u s-seba' snin. Fir-rħula

fejn in-nies għadhom marbutin wisq mad-drawwiet il-qodma, il-festa talħtin jagħmluha aktar bil-kbir milli fl-ibliet. Kull tifel, liebes libsa ġdida bil-karti tal-liri li jkun qala' rigal meħjutin mat-tarbux li jkollu f'rasu, jittieħed lejn il-Moskija riekeb fuq ġemel jew żiemel, jew ħmar, li jkun isuqu missieru jew xi wieħed minn ħutu l-kbar jew zijjietu. Iż-żiemel ukoll ikun imżejjen, u bil-qanpiena mdendla f'għonqu; u quddiemu jimxu ġemgħa ta' rġiel jagħmlu "fantasija", jiġifieri jdoqqu, jgħannu, jiżfnu u jxejjru l-imkatar, u jilgħabu bix-xwabel imsaddin, bħalli kieku jiddwellaw. Wara dawn jimxu n-nisa u t-tfal, lebsin mill-aħjar li jkollhom, iċapċpu jdejhom, ikantaw u jgħajjtu kliem ta' tifħir lid-Djiena tal-Misilmin. Meta jaslu, x-Xiħ tagħhom iniżżel lit-tfal minn fuq il-bhima, idaħħalhom fil-Moskija u jqassilhom farka ġilda minn tarf laħmithom, li jqegħda ġewwa borża żgħira tal-għażel, biex it-tifel, li jkun, idendilha f'għonqu bħala *ħġieb*, li taqdi bħala tifkira li huwa sar Mislem, u biex ukoll tħarsu mid-deni, għax Muħammed iħares u jaraha, u minnha jagħraf li dak it-tifel huwa wieħed minn tad-Din tiegħu.

*Tlellix ta' Ismijiet.*

Bħal ma jsir fil-pajjiżi tal-Ewropa, hekk ukoll fost l-Insara tax-Xerq, l-ismijiet li jingħataw lit-tfal ikunu ismijiet ta' qaddisin. Imma l-Misilmin jagħtu lill-uliedhom ismijiet ta' nies magħrufa fid-Din tagħhom, bħal Għômar, Żejd, Għali, Othmân, u hekk. Inkella ismijiet ta' Patrijarki u Profeti tal-Lhud, bħal Da'ud (David) Musa (Mosè), Khalîl, jew Ibrahîm (Abraham), Ishàk (Iżakk), Ghejjûb (Ġobb), Jûsef (Ġużeppi), u oħrajn, billi dawn jemmnu bihom u għandhom għalihom qima kbira. Barra minn dawn l-ismijiet, in-nies tax-Xerq li dejjem jaħsbu biex juru kollox kbir u sabiħ, iħobbu jagħtu wkoll lil uliedhom ismijiet li jfakkru xi ġrajja, jew xi xewqa tal-missier u l-omm. Għal hekk, jekk fiż-żmien li twieled it-tifel ħabat li għamel issilġ, aktarx li jsemmuħ Selġi; jekk meta twieled ir-raba' tagħhom ħabat li għamel wiċċ sabiħ, jiġifieri t-tifel ġebilhom ir-riżq, isemmuħ Reżeq, jew Sagħîd; jekk it-tifel ta' qablu jkun miet u mbagħad twieled hu, isemmuh Għawwâd jew Khàlaf (minn flok l-ieħor), u dejjem hekk. Hemm imbagħad ismijiet li jingħataw lit-tfal sew mill-Misilmin u sew mill-Insara; fost dawn huma: Għabd-Alla (qaddej t'Alla), Maġdî (glorja tiegħi), Xewqi (xewqa tiegħi), Ġemîl (sabiħ) Rafîq (sieħeb), Kerîm (ġeneruż); Bâsem (imbissem) Magħażżi (għożża tiegħi) Rubbhi (rebħ tiegħi); u naf wieħed, Kattolku-Latin, minn raħal ħdejn Nazaret, jismu Xibli, li jfisser *Ferħ ta' Ljun;* lil bniet ukoll isemmuhom ismijiet sbieħ, bħal Trajja (linfa, jew ġemgħa kwiekeb) Warda (bħal bil-Malti), Ħadra, (Ġorġa), Tamîna (prezzjuża), Ġawhra (bħal Malti wkoll, fossa tal-ġawhar), Għafîfa (kasta), u issa qegħdin isemmu wkoll ismijiet Ewropin, bħal Olga, Ġulja, u Teresja.

Ħaġa oħra, qadima għall-aħħar, issir ukoll fl-artijiet tax-Xerq, li hija li meta jitwieled l-iben il-bikri (u drabi saħansitra qabel), il-missier u l-omm ibiddlu isimhom. Bħalli kieku raġel jismu Jusef, ikollu l-ewwel tifel, u jsemmiħ Jagħqub; ma jibqax jismu Jusef, imma kullħadd jibda jsejjaħlu Abu-Jagħqub, u lil mara tiegħu Omm-Jagħqub; jekk it-tifel isemmuħ

Nur, il-missier isir jismu Abu-Nur, u l-mara Omm-Nur, u hekk il-bqija.

*Mill-iskola għal ħajja.*

Sa ftit żmien ilu, it-tfal tal-Fellaħîn, barra minn għadd żgħir fosthom, kienu jitrabbew jiġru barra fit-toroq, fejn wieħed jista' jaħseb x'kienu jitgħallmu. Daż-żmien il-qagħda tbiddlet għall-aħjar, bis-saħħa tal-Ħakma tal-pajjiż, li qegħda tagħmel kemm tista' biex kull ħadd jitgħallem l-iskola. Hekk issa, saħansitra fl-ibgħad irħula, it-tfal jistgħu, jekk iridu nieshom, jitgħallmu tal-anqas jaqraw u jiktbu m'hux ħażin il-lingwa tagħhom, u xi ftit kliem minn xi lingwa barranija wkoll, u xi naqra tal-imġiba tajba. Dan jiswa ħafna, għax wisq mit-tfal tal-Palestina jgħaġġbuk kemm jitgħallmu malajr, u kif jaħtfuhom il-lingwi barranija!

Sa fejn għandu x'jaqsam it-tagħlim, ulied l-Insara kienu minn dejjem f'qagħda aħjar minn ulied il-Misilmin; għax minn ħafna mijiet ta' snin 'il hawn, ir-Rhieb Franġiskani dejjem ħasbu jifthu naqra ta' skola ġewwa d-Dejr, ma' ġenb il-knisja tal-Parroċċa.

Il-Fellaħîn, lil bniet aktarx li qatt ma jaħsbu jibgħatuhom skola, imma ommijiethom jgħallmuhom jagħmlu x-xogħlijiet tad-dar: jitħnu l-qamħ u x-xgħir; jaħslu xi biċċa ħwejjeġ; jagħġnu u jaħbżu fit-*tabun*, (5) u jaħdmu l-ħsajjar. Barra minn hekk, jibgħatuhom ġemgħa-ġemgħa jġibu l-ilma mill-għajn, jew jaqtgħu x-xewk niexef u jeħduh id-dar, għan-nar; jew jiġbru l-ħubbejża, biex inixxfuha għax-xitwa; inkella wkoll, jiġimgħu r-rawt tal-baqar, il-bagħar tal-iħmîr u r-redus tal-mogħoż u n-ngħaġ, biex ommhom tagħġnu u tagħmlu ftajjar u tnixxfu biex isaħħan bih it-*tabun*, fejn taħmi l-ħobż. Fl-aħħar, darba fil-kemm, meta t-tifla tkun kibret ġmielha, ġie li ommha tibgħatha, wiċċha mgħotti, toqgħod bil-qegħda mal-ħajt fit-triq, titlob il-karità.

Lil bniet jimngħuhom bl-aħrax li jkellmu subjien, imqar jekk dawn ikunu qraba tagħhom. Biex jiżżewġu jeħtieġ li jistennew bis-sabar u bla tgemgim li missierhom jaħseb hu għaż-żwieġ tagħhom. U meta l-missier jilqa' lil xi raġel b'għarus ta' bintu, bintu jeħtiġilha toqgħod għarrieda tiegħu, imqar jekk dan il-għarus ikun ħmistax, għoxrin jew tletin sena akbar minnha; u meta jasal jum it-tieġ, ikollha tmur toqgħod miegħu, saħansitra jekk ma tkun qatt ratu b'għajnejha.

Is-subjien, fid-dar, jaħbtu aħjar mill-bniet. Fl-ibliet u r-rħula l-kbar, il-lum, għadd kbir ta'subjien imorru l-iskola, u wara li jitgħallmu m'hux ħażin, johorġu u jaqbdu jaħdmu ma' missierhom, jew ifittxu xi xogħol li jogħġob lilhom. Imma hemm oħrajn, ulied ta' familji foqra ħafna, li malli jitgħallmu jaqraw u jiktbu kemm jiddubbaw, johorġu mill-iskola u jmorru jaraw minn fejn jaqalgħu xi ħaġa tal-flus billi jagħmlu xi xogħol, ikun xi jkun. Imqar imorru s-suq, bil-qoffa wara daharhom, iġorru xi tagħbija xiri, għal tlieta jew erbgħa grux. Imma fir-rħula ż-żgħar, ta' bejn ir-raba', ix-xogħol li l-aktar jagħmlu s-subjien u ż-żgħażagħ, ikun li jirgħu l-merħla: nagħaġ u ħrief; mogħoż u gidjien; jew baqar u għoġiela. Tarahom iqumu bikri, joħorġu l-merħla u jitilqu biha lejn xi wied fejn ikun hemm xi roqgħa ħaxix m'hux ħażin. Jitilqu hemm il-merħla tirgħa u huma mbagħad jintefgħu bil-qegħda fuq xi blata wâtja; joħorġu minn ħobbhom iż-żummara u jdoqqu biha daqq sabiħ u kiebi, li biħ, jgħidu huma il-merħla tirgħa ak-

tar bil-qalb u l-bhejjem ma jitbegħdux minnhom, għax jogħġobhom dak id-daqq bekkej.

U dawn iż-żgħażagħ ukoll, meta jasal iż-żmien tagħhom, jiftiehmu ma' missierhom u jfittxu għarusa u jiżżewġuha, u hekk jitilqu dar ommhom, u jibdew jagħmlu bħal ma għamlu ta' qabilhom: iġibu fid-dinja tfal fuq tfal!

MACRINO.

(1) Turija ta' dan hija dil-ġrajja żgħira li ġejja. Fis-sena 1931, meta jien kont ngħallem fl-iskola tal-Agrikoltura ta' Rafat, il-Palestina, fir-raħal ta' qrib l-Iskola kien hemm wieħed Għarbi, Mislem, raġel tajjeb għall-aħħar, jismu x-Xiħ Jusef. Dan, għal kemm kellu mara u kien imdaħħal fiż-żmien, smajna li kien sa jiżżewweġ oħra. Għednielu: "Int m'għandekx mara? Għal fejn mela sa tiżżewweġ waħda oħra?" Weġibna: "Jien m'iniex sa niżżewweġ mara oħra biex nagħmel li jaqbel lili; sa niżżewweġ oħra biex inġib l-ulied fid-dinja ħalli jkun hawn aktar nies min ifaħħar 'l Alla."

(2) Din, li t-twelid ta' tifla jinqies bħala xorti ħażina, kienet, u aktarx għadha f'xi rħula, ukoll Malta. Għadu jistama' l-qawl Malti: "Meta titwieled tifla, sa l-ixkupa tibki!"

(3) Meta kont Ġerusalem jien, darba mort sa l-għajn ta' Silwan. Kienet hemm mara Għarbija timla l-ilma u qa tli: "Ara twaqqagħli t-tifel!" Ħarist ma' dwari u ma rajtx tfal. Fl-aħħar intbaħt bih: kien imdendel ma' grampun fil-ħajt ġewwa waħda minn dawn il-benniniet. U kemm kien qiegħed kwiet. Anqas biss jitniffes!

(4) Il-qtigħ tal-ġilda tal-laħma huwa tajjeb wisq biex iħares lil dak li jkun mill-ħaġra. Billi l-Għarab jgħixu ħafna fir-ramel tad-deżert u jixorbu mill-ilma li jsibu, aktarx li bdew jinħatnu għal daqshekk, biex ma titrabbielhomx il-ħaġra. Naf wieħed Nisrani li kellu l-ħaġra u nħaten, u l-ħaġra ħarġet, u fieq minnu fih.

(5) *Tabun* ikun bħall-lenbija bla qiegħ, wiċċha 'l isfel, li jikwuha u jaħmu l-ftajjar tal-għaġin ġewwa fiha, flok forn. Il-Palestina hemm ħafna rħula żgħar li ma fihomx forn, u n-nisa jkollhom jaraw kif jaħmu l-ħobż, għamla ta' ftajjar, huma.

# ~~TRAB U RMIED!~~

## ~~(Ħsebijiet Għar-Ramdân)~~

~~Fi żmien il-Għaqda l-Qadima, irmied kien miżmum bħal egħliema ta' niket u ndiema. Mardokaj, meta sama' bil-qàda aħrax tas-sultan Assweru fuq ħutu l-Lhud, "Xerred irrmied fuq rasu" (Ktieb ta' Ester, IV,1). Hekk ukoll għamlu l-ħbieb ta' Ġobb meta marru jżuruh filhemm tiegħu, u riedu jieħdu sehem min-niket li kellu huwa (Ktieb ta' Ġobb, II, 12). U dan ukoll għamlu n-nies ta' Ninwa, meta mar għandhom Ġona jħabbarhom b'għadab Alla li kien sa jaqa' fuqhom għal kobor ta' dnubiethom: il-koll, mis-sultan sal-anqas wieħed, xteħtu, mnikkta, fuq il-għarma tar-rmied (Ktieb Ġona, III, 6). U Sidna Ġesù n-nifsu, liż-żweġt ibliet ħatja ta' Kerża u Bet-Sajda, meta kien sa jħallihom, u ċanfarhom għal jebusija ta' qalbhom, qalilhom: "Ħażin għalikom! Għax kieku f'Sur u Sajda saru l-egħmejjel li saru fikom, kieku ilhom li nidmu u libsu xkora u xteħtu fuq irrmied!" (Matt. XI, 21).~~

~~U l-Knisja Mqaddsa meta nhar Ras ir-Ramdân troxx fuq rasna dak il-ftit irmied u tgħidilna l-kliem: *Memento homo, quia pulvis es, et in pulverem reverteris*! (Iftakar li int kont trab, u trab targa' ssir!), niket u ndiema ta' dnubietna tkun trid tnissel fina. Hawn il-Knisja donnha trid tgħarrafna u tgħidilna: "Dan ir-rmied li fuq rasek qegħda nxerred, darba kien weraq tal-palm, frisk u aħdar, egħliema ta' rebħ u~~